



# Trasfement tal-armi tan-nar Gwida għall-Utent tal-IMI

31 ta' Lulju 2019  
Verżjoni 1

## Werrej

1	Introduzzjoni .....	3
2	Użu tal-IMI .....	4
	2.1.... <i>Kif tilloggja fl-IMI</i> .....	4
	2.2.... <i>L-Iskrin tal-Paġna Ewlenija tal-IMI</i> .....	4
	2.3.... <i>Dashboard</i> .....	4
	2.4.... <i>Tiftix</i> .....	4
	2.5.... <i>Traduzzjonijiet tal-lingwi</i> .....	5
3	Notifika ta' Kunsens minn Qabel .....	6
	3.1.... <i>Kuntest ġuridiku</i> .....	6
	3.2.... <i>Kif toħloq u tibgħat Notifika ta' Kunsens Minn Qabel</i> .....	6
	3.3.... <i>Ħruġ ta' kunsens minn qabel għall-istess negozjanti jew individwi</i> .....	7
4	Notifika ta' Awtorizzazzjoni għat-Trasferiment .....	8
	4.1.... <i>Kuntest ġuridiku</i> .....	8
	4.2.... <i>Notifika ta' Awtorizzazzjoni għat-trasferiment meta tkun irċevejt il-kunsens minn qabel permezz tal-IMI</i> .....	9
	4.3.... <i>Notifika ta' Awtorizzazzjoni għat-trasferiment meta ma tkunx irċevejt il-kunsens minn qabel permezz tal-IMI</i> .....	11
	4.4.... <i>Notifika ta' Awtorizzazzjoni għat-trasferiment meta ma jkunx meħtieġ kunsens minn qabel.</i> 11	11
5	Lista tal-armi tan-nar li għalihom ma jeħtieġx kunsens minn qabel.....	12
	5.1.... <i>Kuntest ġuridiku</i> .....	12
	5.2.... <i>Kif toħloq l-entrata tiegħek fir-repożitorju</i> .....	12
6	Riżorsi.....	13

## 1 Introduzzjoni

Dan id-dokument jispjega kif tuża s-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern (IMI) għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-trasferiment ta' armi tan-nar kif stabbilit fir-**Regolament (UE) Nru 2019/686**. Dan jinvolvi tliet tipi ta' skambju ta' informazzjoni:

- “Notifika ta' Kunsens Minn Qabel” (l-awtorizzazzjoni għax-xiri jew l-akkwist ta' armi tan-nar minn Stat Membru ieħor)
- “Notifika ta' Awtorizzazzjoni ta' trasferiment ta' armi tan-nar” lejn Stat Membru ieħor
- Reġistrazzjoni tal-“Lista tal-armi tan-nar li għalihom ma jeħtieġx kunsens minn qabel”

### Leġiżlazzjoni

Id-Direttiva 91/477/KEE dwar l-Armi tan-Nar, li ġiet emenda bid-Direttiva (UE) 2008/51/KE u d-Direttiva (UE) 2017/853, tistipula regoli dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi fl-Istati Membri kollha tal-UE. Wara l-emenda tal-2017, l-Artikolu 13 jiddikjara li “L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiskambjaw permezz ta' mezzi elettroniċi informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet mogħtija għat-trasferiment tal-armi tan-nar fi Stat Membru ieħor”.

Ir-Regolament (UE) Nru 2019/686<sup>1</sup> jistipula meta għandha tiġi skambjata l-informazzjoni u liema informazzjoni għandha tiġi inkluża fl-iskambji ta' informazzjoni. Jistipula wkoll li l-iskambju għandu jsir permezz tal-IMI.

Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/689 tagħmel id-dispożizzjonijiet dwar l-iskambji relatati mat-trasferimenti tal-armi tan-nar fi ħdan l-Unjoni soġġetti għal proġett pilota skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 u tistabbilixxi l-funzjonalità teknika bażika u l-arranġamenti proċedurali meħtieġa biex jiġu implementati d-dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva rilevanti.

### IMI

L-IMI<sup>2</sup> hija għoddha ta' skambju ta' informazzjoni online sigura u multilingwi. Ĕriet żviluppata biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-UE u l-Istituzzjonijiet u l-Korpi Ewropej kollha involuti fl-implementazzjoni prattika tal-liġi tal-UE.

---

<sup>1</sup>Ir-Regolament (UE) 2019/686 dwar l-iskambju ELETTRONIKU ta' informazzjoni dwar it-trasferimenti ta' armi tan-nar fl-UE: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019R0686&from=MT>

<sup>2</sup>Sit web tal-IMI: [https://ec.europa.eu/internal\\_market/imi-net/index\\_mt.htm](https://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/index_mt.htm)

## 2 Użu tal-IMI

### 2.1 Kif tilloggja fl-IMI

L-IMI hija aċċessibbli permezz ta' brawżer tal-internet standard. Biex tilloggja fl-IMI, ikkopja u ppejstja l-link li ġej fil-brawżer tal-Internet tiegħek, jew ikklikkja hawn taħt:

<https://webgate.ec.europa.eu/imi-net/>

Meta tilloggja għall-ewwel darba, daħħal il-username u l-password temporanja mogħtija lilek.

Għall-utenti li qed jilloggjaw għall-ewwel darba, se tintalab minnufih tibdel il-password temporanja għal password ġidha magħżula minnek. Ladarba tagħmel dan, inti tintalab toħloq u tikkonferma kodiċi ta' sigurtà ta' 12-il karatru li se jintuża kull darba li tilloggja fl-IMI.

Għal-logins sussegwenti, ikollok bżonn iddaħħal il-username u l-password tiegħek, u mbagħad tipprovdi tliet ċifri magħżula b'mod aleatorju mill-kodiċi tas-sigurtà tiegħek kif enfasizzat fuq l-iskrin.

Ladarba tkun illoggħaj, tiġi ridirett lejn l-iskrin tal-pażna ewlenija tal-IMI.

### 2.2 L-Iskrin tal-Pażna Ewlenija tal-IMI

Meta jirnexxilek tilloggja fl-IMI, se jintwera d-dashboard tal-IMI tiegħek. Menù fuq in-naħħa tax-xellug tal-iskrin jippermettilek:

- Tfittex notifikasi eżistenti
- Tibda notifikasi ġoddha
- Tiddawnlowdja rapporti
- Tibdel il-password u l-kodiċi tas-sigurtà
- Timmaniġġja/tara d-dettalji tal-Awtoritāt tiegħek
- Tara d-dettalji ta' awtoritatiet oħra r-reġistrati biex jużaw l-IMI

### 2.3 Dashboard

Id-dashboard jappoġġja l-ġestjoni ta' kuljum tal-iskambji ta' informazzjoni. Dan jelenka l-abbozzi tan-notifikasi tiegħek, notifikasi li waslu dan l-aħħar u notifikasi li ġew aġġornati dan l-aħħar. Għall-awtoritatijiet ċentrali, dan juri wkoll notifikasi li jeħtieġ l-approvazzjoni jekk in-notifikasi tal-awtoritatijiet regionali jew lokali jkunu soġġetti għal approvazzjoni ta' koordinatur.

### 2.4 Tiftix

Il-funzjonalità tat-tiftix fl-IMI tippermettilek tfittex entrati eżistenti fl-IMI billi tispeċifika l-kriterji ta' tiftix biex tiffiltra r-riżultati tiegħek.

Hemm żewġ opzjonijiet fil-menū biex jiġu rkuprati n-notifikasi, "Fittex il-formoli kollha", u "Fittex skont il-formola". Fittex skont il-formola tippermettilek tfittex biss Notifikasi ta' Kunsens minn Qabel, jew, biss għal Awtorizzazzjonijiet għat-trasferiment, u toffri kriterji ta' tiftix usa'.

Huwa **rakkomandat** li tuża l-opzioni fil-menū "Fittex skont il-formola".

Pereżempju, jekk tixtieq tfittex Notifika ta' Kunsens minn Qabel li ġiet riċevuta minn qabel: mill-menù aghażel "Twissijiet u Notifikasi" -> "Fittex skont il-formola" -> "Armi tan-nar - Kunsens minn qabel".

Tista' mbagħad tispeċifika n-numru ta' referenza tal-kunsens minn qabel jekk tkun irċevejħha f'forma stampata, jew, billi tispeċifika l-pajjiż li qed jibgħat u parti mill-isem tax-xerrej jew tal-bejjiegħ. **Innota li**, biex tfittex bl-isem tax-xerrej jew tal-bejjiegħ, l-ewwel trid tindika jekk ix-xerrej jew il-bejjiegħ huwiex persuna għuridika jew fiżika.

## 2.5 Traduzzjonijiet tal-lingwi

Is-sistema tal-IMI tipprovi traduzzjoni awtomatika ta' oqsma b'test liberu fil-lingwi uffiċjali Ewropej kollha. Tista' jew titradu entrata f'test liberu individwali jew tista' tuża l-buttna "ittradu kollex" biex titradu t-test liberu kollu f'notifika għal-lingwa li fiha qed jidher l-iskrin. It-traduzzjoni tad-dokumenti mehmuża bħalissa mhijiex disponibbli.

### 3 Notifika ta' Kunsens minn Qabel

#### 3.1 Kuntest ġuridiku

Meta awtorità tagħti lil negozjant jew lil individwu kunsens minn qabel għall-kisba ta' arma tan-nar minn Stat Membru ieħor, hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru l-ieħor billi tibgħat "Notifika ta' Kunsens minn Qabel" tal-IMI.

Din in-notifika tinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/686 u kopja tad-dokument ta' kunsens minn qabel maħruġ.



L-Istat Membru li jkun qed joħroġ il-kunsens minn qabel irid jibgħat in-notifika fl-IMI, lill-Istat Membru fejn jinsabu l-armi tan-nar fi żmien **7 ijiem kalendarji** mill-ħruġ tal-kunsens minn qabel.

#### 3.2 Kif toħloq u tibgħat Notifika ta' Kunsens Minn Qabel

1. Mill-menū fuq in-naħħa tax-xellug, ikklikkja **Twissijiet u Notifikasi ▶ Oħloq notifikasi ▶ Armi tan-nar - Kunsens minn qabel**.
2. Imla l-oqsma fit-tab **Kunsens minn Qabel**:
  - **Pajjiż li fih jinsabu l-armi tan-nar:** dan il-pajjiż se jirċievi n-notifika tal-IMI.
  - **Kopja skenjata ta' kunsens minn qabel:** hawnhekk se jkollok tapplowdja kopja tad-dokument ta' kunsens minn qabel (normalment PDF). Biex tagħmel dan, ikklikkja **Applowdja Fajl** u aghażel id-dokument tiegħek.
  - **Data tal-ħruġ:** din hija d-data li fiha nħareġ id-dokument ta' kunsens minn qabel.
  - **Data tal-iskadenza:** din hija d-data li fiha jiskadi d-dokument ta' kunsens minn qabel. In-notifika tal-IMI se tagħlaq f'din id-data.
  - **Referenza nazzjonali ta' kunsens minn qabel:** dan huwa l-identifikatur uniku attribwit għad-dokument mill-pajjiż tal-ħruġ.
  - **Maħruġa mill-awtorità li qed tibgħat?**: jekk l-awtorità li qed tibgħat in-notifika tal-IMI hi l-istess bħall-awtorità li ħarġet il-kunsens minn qabel, aghażel iva, inkella, aghażel le u pprovdi d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità tal-ħruġ.
  - **Dettalji dwar ix-xerrej /l-akkwarent tal-armi tan-nar**
  - **Dettalji dwar il-bejjiegħ /id-detentur tal-armi tan-nar** L-ewwel nett indika jekk il-bejjiegħ jew id-detentur tal-armi tan-nar huwiex magħruf u għalhekk inkluż fil-kunsens minn qabel. Dan huwa l-każi fi kważi l-Istati Membri kollha. Jekk il-bejjiegħ jew id-detentur tal-armi tan-nar hu magħruf, id-dettalji għandhom jingħataw fil-formola tal-IMI.
  - **Informazzjoni addizzjonal:** hawnhekk tista' tipprovdi informazzjoni suplementari dwar il-kunsens minn qabel.



L-oqsma obbligatorji kollha huma mmarkati b'asterisk aħmar (\*) u jridu jumtlew qabel ma tkun tista' tissejvja l-abbozz tan-notifika tiegħek.

3. Meta tlesti, ikklikkja **Oħloq** fir-rokna ta' fuq tal-lemin tal-paġna biex toħloq in-notifika.
4. L-istatus tan-Notifikasi issa huwa **Abbozz**.

Meta n-notifika tkun fi stat ta' abbozz, ikun possibbli li:



- **Teditja** kwalunkwe informazzjoni
- Tiċċekkja t-tab **Informazzjoni dwar l-Immaniġġjar** biex iżżomm kont tad-data ewlenija dwar id-dħul, bħal links għal notifikasi oħra.
- Iżżejjid kummenti u dokumenti meħmużin fit-tab rilevanti.

## 5. Ikklikkja **Issottometti**

## 6. Ikklikkja **Approva u Xandar** u n-notifika tiegħek se tintbagħhat lill-awtorità ċentrali fil-pajjiż l-ieħor.

L-istatus tan-Notifika issa hu **Miftuħa għall-kummenti** sakemm tilħaq id-data ta' skadenza tagħha. Waqt li jkollha dan l-istatus, kemm min qed jibgħat kif ukoll min qed jirċievi se jkunu jistgħu **jipprovd u kummenti u jehmżu dokumenti** man-notifikasi. Kull dokument u fajl meħmuż ġdid se jwassal għal notifikasi awtomatika bl-email lill-partijiet kollha involuti.



Meta n-notifika tkun miftuħa għall-kummenti:

- Awtorità Ċentrali tista' tittrażżmetti n-notifika lil awtorità reġionali jew lokali billi tikklikkja l-buttna **Iddisemina** fuq it-toolbar;
- il-partijiet kollha jistgħu jiċċekkjaw it-tab **Riċevituri** biex jaraw liema awtoritajiet irċeuvew in-notifikasi;
- il-partijiet kollha għandhom **iżiđu l-kummenti u jehmżu dokumenti addizzjonal** man-notifikasi.
- il-kontenut tan-notifikasi ma jistax jiġi modifikat

Ladarba tkun intbagħtet notifikasi, ma jibqax possibbli li jiġi aġġornat il-kontenut.



Jekk għandek bżonn **tikkoreġi l-informazzjoni** mogħtija fin-notifikasi:

- Iftaħ in-notifikasi u kklikkja l-buttna "Irtira". Meta tintalab tforni ġustifikazzjoni, iddikjara li se tibgħat verżjoni kkoreġuta tan-notifikasi.
- Ikklikkja **Uża mill-ġdid id-data ▶ Armi tan-Nar ▶ Kunsens minn qabel** biex toħloq notifikasi ġdida bl-istess informazzjoni.
- Immodifika l-elementi żabaljati u erġa' ibgħat in-notifikasi.

## 3.3 Ħruġ ta' kunsens minn qabel għall-istess negozjanti jew individwi

Jekk toħroġ awtorizzazzjoni ta' kunsens minn qabel b'mod regolari għall-istess żewġ negozjanti jew individwi, tista' tevita li terġa' ddaħħal id-dettalji tagħhom f-notifikasi fl-IMI billi:

- tfittex notifikasi preċedenti ta' kunsens minn qabel bejn l-istess partijiet, billi tuża **Fittex skont il-formola** kif deskrirt fit-taqṣima 2.4.
- tiftaħ in-notifikasi u tikklikkja l-buttna "**Uża mill-ġdid**" u tagħżel "**Armi tan-Nar - Kunsens minn qabel**" biex toħloq notifikasi ġdida ta' kunsens minn qabel.
- Id-dettalji kollha tan-notifikasi ta' kunsens minn qabel preċedenti se jiġu kkopjati għan-notifikasi l-ġdida, jeħtieġlekk biss li tapplowdja kopja tad-dokument ta' kunsens minn qabel il-ġdida u li taġġorna t-taqṣima tad-dettalji tal-ħruġ.

## 4 Notifika ta' Awtorizzazzjoni għat-Trasferiment

### 4.1 Kuntest ġuridiku

Meta awtorità toħroġ “awtorizzazzjoni għat-trasferiment” tal-armi tan-nar lejn Stat Membru ieħor tal-UE jew, toħroġ “dokument ta’ akkumpanjament” fil-każ ta’ trasferiment minn negozjant għal negozjant skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar (ara l-ispiegazzjoni hawn taħt), din għandha t-informa lill-Istat Membru li se jiġu ttrasferiti l-armi tan-nar fih u kwalunkwe Stat Membru tal-UE ta’ tranżitu ieħor, billi tibgħat “Notifika ta’ Awtorizzazzjoni għat-Trasferiment tal-Armi tan-Nar” permezz tal-IMI.

In-notifika tal-IMI tinkludi l-informazzjoni elenka **fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/686** kif ukoll kopja tal-awtorizzazzjoni tat-trasferiment jew tad-dokument ta’ akkumpanjament maħruġ.

Qabel toħroġ dawn id-dokumenti, l-awtorità kkonċernata għandha **l-ewwel tivverifika li rċeviet notifika tal-IMI ta’ kunsens minn qabel** mill-Istat Membru li fih għandhom jiġu trasferiti l-armi tan-nar.

Hemm tliet eżi possibbli, il-kunsens minn qabel:

- wasal **permezz tal-IMI**: ara t-taqSIMA 4.2
- wasal **permezz ta’ mezzi oħra** u mhux permezz tal-IMI: ara t-taqSIMA **Error! Reference source not found.**
- **mhux meħtieġ għall-armi tan-nar ikkonċernati**<sup>3</sup>: ara t-taqSIMA **Error! Reference source not found.**



L-Istat Membru li joħroġ l-awtorizzazzjoni għat-trasferiment **irid jibgħat in-notifika tal-IMI qabel ma l-armi tan-nar jiġu trasferiti** lill-ewwel Stat Membru ta’ tranżitu jew, jekk ma jkunx hemm Stati Membri ta’ tranżitu, lill-Istat Membru tad-destinazzjoni.

L-Artikolu 11(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE jistabbilixxi l-proċedura għall-ħruġ ta’ “awtorizzazzjoni għat-trasferiment ta’ armi tan-nar” fi Stat Membru ieħor.

Permezz ta’ deroga, l-Artikolu 11(3) jippermetti lil Stat Membru li joħroġ awtorizzazzjoni lil negozjant biex iwettaq trasferimenti lil negozjant fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jikseb l-“awtorizzazzjoni għat-trasferiment” stipulata fl-Artikolu 11(2). F’każijiet bħal dawn, meta negozjant jinforma lill-awtorità rilevanti li huwa għandu l-intenzjoni li jwettaq trasferiment, l-awtorità toħroġ dokument li jakkumpana l-armi tan-nar, imsejjaħ “**dokument ta’ akkumpanjament**”.

<sup>3</sup> Kif stabbilit fid-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE, l-Artikolu 11(4)

## 4.2 Notifika ta' Awtorizzazzjoni għat-trasferiment meta tkun irċevejt il-kunsens minn qabel permezz tal-IMI

Jekk irċevejt il-kunsens minn qabel permezz tal-IMI, għandek tuża mill-ġdid in-notifika tal-IMI ta' kunsens minn qabel bħala bażi biex toħloq in-notifika ta' awtorizzazzjoni għat-trasferiment. B'dan il-mod, id-dettalji rilevanti jiġu kkopjati min-notifika eżistenti u ma jkollokx għalfejn iddaħħalhom mill-ġdid.

- Fitteż in-notifika ta' kunsens minn qabel relatata fl-IMI.
  - Mill-menù, ikklikkja **Twissijiet u Notifikasi ▶ Fittex skont il-formola ▶ Armi tan-nar - Kunsens minn qabel**.
  - Speċifika xi kriterji ta' tiftix bħall-pajjiż li jibgħat, ir-referenza tal-kunsens minn qabel jew l-isem tal-bejjiegħ jew ix-xerrej.
  - Se tiġi ppreżentata lista ta' notifikasi li jaqblu mal-kriterji speċifikati. Ikklikkja darbtejn in-notifika ta' kunsens minn qabel rilevanti biex tiftaħha.
- Ikklikkja **Uża mill-ġdid id-data** fuq in-naħa ta' fuq tal-lemin tat-toolbar u agħżel **Armi tan-Nar - Awtorizzazzjoni għat-trasferiment tal-Art. 11(2) & 11(3)**.



**Uża mill-ġdid id-data** tfisser il-ħolqien ta' notifikasi ġdida minn waħda eżistenti, li tikkopja l-informazzjoni rilevanti kollha fin-notifikasi l-ġdida.

- Il-ħolqien tal-abbozz ta' notifikasi ġdida jinbeda b'ħafna oqsma digġà mimlija bl-informazzjoni disponibbli min-notifikasi ta' kunsens minn qabel (eż- dettalji tax-xerrej u l-bejjiegħ).

Madankollu, xorta waħda trid tipprovd informazzjoni addizzjonali:

- Hemm xi pajjiżi ta' tranżitu?**: agħżel **iva** jew **le** skont il-każ. Jekk iva, se jkollok tagħżel pajjiż tal-UE wieħed jew aktar u, b'mod fakultattiv, il-pajjiżi rilevanti mhux tal-UE mil-lista pprovdu.
- Kull pajjiż tal-UE se jirċievi wkoll in-notifikasi.
- Din in-notifikasi tikkonċerna trasferiment ta' armi tan-nar ibbażat fuq**: agħżel l-Artikolu 11(2) jew l-Artikolu 11(3), ara t-Taqsima 4.1 Kuntej legali għal aktar dettalji.



Jekk l-awtorizzazzjoni tinħareġ skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE se jkollok bżonn tapplowdja l-“awtorizzazzjoni għat-trasferiment”, jekk tikkonċerna l-Artikolu 11(3) se tapplowdja d-“dokument ta' akkumpanjament”.

- Din in-notifikasi tikkonċerna trasferiment tat-tip Negozjant għal-Negozjant**: agħżel iva jew le.
- Data tat-tluq u Data stmata tal-wasla**: dawn l-oqsma huma fakultattivi għal trasferimenti bejn negozjanti, għal kull tip ta' trasferiment ieħor huma obbligatorji.
- Data tal-ħruġ**: din hija d-data li fiha nħarġet l-awtorizzazzjoni.

- **Data tal-iskadenza:** din hija d-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għat-trasferiment jew tad-dokument ta' akkumpanjament. In-notifika tal-IMI se tagħlaq f'din id-data.
  - **Referenza nazzjonali ta' awtorizzazzjoni ta' trasferiment:** dan huwa l-identifikatur uniku attribwit għad-dokument mill-pajjiż tal-ħruġ.
  - **Maħruġa mill-awtoritāt tal-ħruġ?:** jekk l-awtoritāt li qed tibgħat in-notifika tal-IMI hi l-istess bħall-awtoritāt li ħarġet il-kunsens minn qabel, aghażel iva, inkella, aghażel le u pprovidi d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritāt tal-ħruġ.
  - **Numru ta' armi tan-nar:** dan huwa n-numru ta' armi tan-nar li għalihom ingħatat awtorizzazzjoni fid-dokument meħmuż
  - **Numru ta' komponenti essenzjali:** dan il-qasam separat huwa pprovdut għan-numru ta' komponenti essenzjali li jistgħu jiġi trasferiti.
  - **Kunsens minn qabel:** f'dan il-każ, aghażel **riċevuta permezz tal-IMI**. Id-dokument ta' kunsens minn qabel inkluż fin-notifika oriġinali tal-IMI se jiġi inkluż awtomatikament f'din in-notifika.
4. Meta tlesti, ikklikkja **Oħloq** fir-rokna ta' fuq tal-lemin tal-paġna biex toħloq in-notifika.
  5. L-istatus tan-Notifika issa huwa **Abbozz**.



Meta l-proċedura tkun fi stat ta' abbozz, ikun possibbli li:

- **Teditja** l-informazzjoni kollha
- Tiċċekkja l-**Informazzjoni dwar l-Immaniġġjar** għal informazzjoni bħal-link man-notifika ta' kunsens minn qabel oriġinali.
- Iżżid kummenti u dokumenti meħmużin fit-tab relativa.

#### 6. Ikklikkja **Issottometti**.

#### 7. Ikklikkja **Approva u Xandar** u n-notifika tiegħek se tintbagħħat lill-awtoritajiet ċentrali fil-pajjiż tad-destinazzjoni u l-pajjiżi ta' tranżitu tal-UE.

L-istatus tan-Notifika issa hu **Miftuħa għall-kummenti** sakemm tilħaq id-data ta' skadenza tagħha.



Meta l-proċedura tkun miftuħa għall-kummenti:

- Awtoritāt Ċentrali tista' tittrażmetti n-notifika lil awtoritāt regionali jew lokali billi tikklikkja l-buttna **Iddisemina** fuq it-toolbar;
- il-partijiet kollha jistgħu jiċċekkjaw it-tab **Riċevituri** biex jaraw liema awtoritajiet irċevew in-notifika;
- il-partijiet kollha għandhom **iżidu l-kummenti u jehmżu dokumenti addizzjonal** man-notifika.

Ladarba tkun intbagħtet notifika, ma jkunx għadu possibbli li jiġi aġġornat il-kontenut.



Jekk għandek bżonn **tikkoreġi l-informazzjoni** mogħtija fin-notifika:

- Iftaħ in-notifika u kklikkja l-buttna **Irtira**. Meta tintalab tforri ġustifikazzjoni, iddikjara li se tibgħat verżjoni kkoreġuta tan-notifika.

- Ikklikkja “**Uża mill-ġdid id-data**” -> “**Armi tan-Nar - Awtorizzazzjoni għat-trasferiment tal-Art. 11(2) & 11(3)**” biex toħloq notifika ġdida bl-istess informazzjoni.
- Immodifika l-elementi żbaljati u erġa’ ibgħat in-notifika.

#### **4.3 Notifika ta' Awtorizzazzjoni għat-trasferiment meta ma tkunx irċevejt il-kunsens minn qabel permezz tal-IMI**

L-Istati Membri huma obbligati jinnotifikaw il-kunsens minn qabel permezz tal-IMI fi żmien 7 ijiem kalendarji mill-ħruġ. Jekk tirċievi kunsens minn qabel permezz ta’ mezzi oħra, bħal f’forma stampata, u jekk ma tkunx irċevejt notifika fl-IMI b’kopja tal-kunsens minn qabel meħmuż, għandek **tikkuntattja lill-awtoritajiet fl-Istat Membru l-ieħor u titlobhom jinnotifikaw permezz tal-IMI.**

Meta tattiva l-IMI għall-ewwel darba għall-iskambju ta’ informazzjoni, jaf ikun jeħtieġlek toħroġ awtorizzazzjonijiet għat-trasferiment fejn il-kunsens minn qabel ikun inħareġ qabel ma beda japplika l-obbligu ta’ notifika permezz tal-IMI, jiġifieri, qabel it-3 ta’ Settembru 2019. F’dawn il-każijiet, inti se toħroġ l-awtorizzazzjoni għat-trasferiment abbażi ta’ kunsens minn qabel li jasal permezz ta’ mezzi oħra minbarra l-IMI, f’liema każ segwi l-passi ta’ hawn taħt biex toħloq in-notifika u tapplowdja kopja tal-kunsens minn qabel flimkien mal-awtorizzazzjoni għat-trasferiment jew id-dokument ta’ akkumpanjament.

1. Mill-menù fuq in-naħħa tax-xellug, ikklikkja **Twissijiet u Notifikasi ▶ Oħloq notifika ▶ Armi tan-nar - Awtorizzazzjoni għat-trasferiment Art. 11(2) u 11(3).**
2. Kompli mit-3 pass fit-taqSIMA 4.2 hawn fuq, u imla l-oqsma kollha fin-notifika. Barra minn hekk, se jkollok bżonn:
  - tagħżel il-pajjiż tal-ħruġ (pajjiżek) u l-pajjiż tad-destinazzjoni;
  - tagħżel riċevuta b'mezzi oħra għall-qasam Kunsens minn Qabel
  - tapplowdja d-dokument ta’ kunsens minn qabel tiegħek;
  - tipprovdi d-dettalji dwar ix-xerrej / l-akkwirrent tal-armi tan-nar
  - tipprovdi d-dettalji dwar il-bejjiegħ / id-detentur tal-armi tan-nar

#### **4.4 Notifika ta' Awtorizzazzjoni għat-trasferiment meta ma tkunx meħtieġ kunsens minn qabel**

Tista’ tikkonsulta r-repożitorju tal-IMI “Listi ta’ armi tan-nar li għalihom mhux meħtieġ il-kunsens minn qabel” biex tistabbilixxi jekk ċerti armi tan-nar jistgħux jiġi trasferiti lejn it-territorju ta’ Stat Membru ieħor mingħajr il-kunsens minn qabel tiegħi.

Meta tkun qed tittrasferixxi armi tan-nar li għalihom mhux meħtieġ kunsens minn qabel mill-Istat Membru tad-destinazzjoni, ipproċedi kif ġej:

1. Mill-menù, ikklikkja **Twissijiet u Notifikasi ▶ Oħloq notifika ▶ Armi tan-nar - Awtorizzazzjoni għat-trasferiment Art. 11(2) u 11(3).**
2. Kompli mit-3 pass fit-taqSIMA 4.2 hawn fuq, u imla l-oqsma kollha fin-notifika. Barra minn hekk, se jkollok bżonn:
  - tagħżel il-pajjiż ta’ ħruġ (pajjiżek) u l-pajjiż tad-destinazzjoni;

- tagħżel “mhux meħtieġ għal dawn l-armi tan-nar kif innotifikat skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE Artikolu 11(4)” għall-qasam Kunsens Minn Qabel. Il-kaxxa biex tapplowdja l-kunsens minn qabel mhux se tigħi ppreżentata.
- tippovdi d-dettalji dwar ix-xerrej / l-akkwirrent tal-armi tan-nar
- tippovdi d-dettalji dwar il-bejjiegħ / id-detentur tal-armi tan-nar

## 5 Lista tal-armi tan-nar li għalihom ma jeħtiegħ kunsens minn qabel

### 5.1 Kuntest ġuridiku

L-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar jiddikjara li kull Stat Membru għandu jipprovdi lil Stati Membri oħra b'lista ta' armi tan-nar li jistgħu jiġu trasferiti lejn it-territorju tiegħu mingħajr kunsens minn qabel.

Kif stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament 2019/686, fl-IMI hemm repożitorju li jipprovdi post konvenjenti u ċentrali li fih jinħażnu u jiġu kkonsultati dawn il-listi.

Kull Stat Membru għandu jirreġistra **entrata waħda unika fir-repożitorju**.



Kull Stat Membru għandu jirreġistra entrata fir-repożitorju qabel ma jibda l-iskambju ta' informazzjoni fit-3 ta' Settembru 2019.

### 5.2 Kif toħloq l-entrata tiegħek fir-repożitorju

1. Mill-menù, ikklikkja **Repożitorji u Direttorji** ▶ **Oħloq entrata**.
2. Imla l-qasam obbligatorju **Stat Membru** billi tagħżel pajjiżek stess.
3. Jekk hemm armi tan-nar li jistgħu jiġi ttrasferiti lejn l-Istat Membru tiegħek mingħajr kunsens minn qabel tista':
  - **iddaħħal il-lista tal-armi tan-nar manwalment** linja linja, billi tikklikkja “żid” u ddaħħal id-dettalji ta’ kull tip ta’ arma tan-nar; jew
  - **tehmeż dokument** li jelenka l-armi tan-nar.

Inkella, indika li **l-armi tan-nar kollha huma soġġetti għal kunsens minn qabel**.

4. Meta tlesti, ikklikkja **Oħloq** fir-rokna ta’ fuq tal-lemin tal-paġna biex toħloq l-entrata bl-istatus ta’ abbozz. F’dan il-punt, xorta tista’ teditja l-informazzjoni.
5. Meta tkun sodisfatt li l-informazzjoni pprovduta hija kompluta u korretta, ikklikkja **Attiva**. L-entrata tiegħek se ssir viżibbli għall-Istati Membri kollha.

## 6 Riżorsi

**SIT WEB TAL-IMI:**

[https://ec.europa.eu/internal\\_market/imi-net/](https://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/)

**KOORDINATURI NAZZJONALI TAL-IMI:**

[https://ec.europa.eu/internal\\_market/imi-net/contact/index\\_mt.htm](https://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/contact/index_mt.htm)

**HELPDESK TAL-IMI:**

[imi-helpdesk@ec.europa.eu](mailto:imi-helpdesk@ec.europa.eu)